# Kont bankarju għal kulħadd – inklużjoni finanzjarja?

Il-pagamenti elettroniċi – kemm li wieħed jirċievi kif ukoll jagħmel - qed isiru ħafna iktar popolari, probabilment għaliex qed jagħmlu l-ħajja iktar komda (m'hemmx għalfejn issarraf il-paga, iġġorr jew iżżomm ammonti kbar ta' flus; tista' tixtri minn fuq l-internet). Fi ċrieki bankarji tinstema' kemm-il darba li l-passi li jmiss għandhom iwasslu għal ħafna inqas użu ta' karti jew muniti tal-flus u anki ta' ċekkijiet, u iktar għal mezzi elettroniċi.

Minħabba f'dawn l-iżviluppi qed tqum il-mistoqsija dwar x'se jagħmlu 'l quddiem dawk li għadhom mhumiex esposti għal dawn il-metodi pjuttost riċenti. Mhux biss użu ta' karti bankarji, magni awtomattizati jew mezzi fuq l-internet imma elementi iktar bażiċi bħal kont bankarju. Skont stħarriġ li kien mitlub mill-Kummissjoni Ewropea u li kien ippubblikat fl-2008 (Anderloni, Bayot et al) jidher li madwar 25% tal-popolazzjoni Maltija m'għandiex aċċess għal kont bażiku għat-tranżazzjonijiet. Ir-raġunijiet jistgħu jkunu bosta – bħal per eżempju adoloxxenti li ma jħossux il-bżonn, jew individwi li ma jafdawx istituzzjonijiet finanzjarji jew jibżgħu li jitilfu l-kontroll fuq flushom. Jistgħu jkunu problemi ikbar, bħal fil-każ ta' istituzzjonijiet infushom li ma jafdawx individwi vulnerabbli, jew minħabba is-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tagħhom ma jfittxux li joffrulhom prodotti adekwati.

Id-diffikultà mhijiex li persuna għażlet li ma jkollhiex kont bankarju, imma li ma jkollhiex aċċess għal xi raġuni partikulari bil-possibiltà li din taffettwa aspetti oħra tal-ħajja bħal tfaddil ta' flus, assigurazzjoni u servizzi oħra. Is-sena li għaddiet (Mejju 2008), waqt laqgħa b'mijiet ta' parteċipanti minn oqsma differenti, ġie konkluż li għalkemm kif mexjin l-affarijiet hemm diversi inċentivi, weħidhom mhux se jkunu biżżejjed. F'dan ir-rigward huma sejħu lill-awtoritajiet pubbliċi, fuq livell nazzjonali u Ewropew, biex jiggarantixxu liċ-ċittadini Ewropej kemm aċċess kif ukoll użu adekwat ta' servizzi finanzjarji bażiċi.

Kif jista' jsir dan? U x'inhu l-aħjar li għandu jsir biex sa żmien partikulari kull min joqgħod fl-Unjoni Ewropea jkollu aċċess għal kont bankarju bażiku? Il-Kummissjoni Ewropea ħarġet dokument ta' konsultazzjoni biex telenka x'inhi s-sitwazzjoni bid-diffikultajiet u l-konsegwenzi, kif ukoll x'qiegħed isir bħalissa u x'inhu possibbli li jsir. Id-dokument jippreżenta wkoll numru ta' mistoqsijiet biex jiffoka t-tweġibiet ta' kull min hu interessat.




Iktar dettalji jinsabu fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat responsabbli mis-Suq Intern fuq: **http://ec.europa.eu/internal_market/consultations/2009/financial_inclusion_en.htm.**

Kummenti qed jintlaqgħu sas-6 ta' April 2009 u għandu jkun ta' interess għal ċittadini u organizzazzjonijiet differenti, imma b'mod partikolari għal dawk li huma nvoluti mal-konsumatur u l-industrija finanzjarja.



*Minn Julian Micallef*
*MEUSAC*

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*